# LEHEN IL-MALTI

MAHRUĠ mill-"GHAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

**LULJU-DIĊEMBRU 1943. IT-TLETTAX-IL SENA Għadd 149-154**

# Zewg Popli Zewg Ilsna

L-ILSIEN Malti għal fejn l-Ingliż li hu żviluppat ħafna aktar u għandu kittieba mill-aqwa, tibda minn Chaucer u tasal sa T. S. Eliot, ma jistax jitqies bħala lsien ta' Imperu jonkella, kif ifakkruna bosta drabi, bħala għodda tajba għall-kummerċ. Aħna n-nuqqasijiet tal-Malti nafuhom kollha u kien għalhekk li, għalkemm żammejna iebes biex ma jkun hemm ebda lsien ieħor magħruf bħala uffiċjali barra l-Malti u l-Ingliż, aħna f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni, biex ngħid hekk, ta' l-aħjar nies tagħna, qatt ma ridna jew tlabna li jinqerdu minn fostna dawk l-ilsna barranin ta' popli oħra aktar żviluppati minna u li għalhekk aħna nistgħu nqisuhom bħala l-muftieħ ta' dinjiet oħra fejn igħixu nies li għaddew il quddiem fix-xjenza u l-arti. Aħna wkoll ridna l-Malti jkun magħruf bħala ilsien uffiċjali iżda ma għandniex x'naqsmu ma' dawk in-nies moħħhom magħluq u li jaħsbu qasir sa fejn jilħaq il-qiegħ tal-kultura tagħhom li riedu jċekknu l-edukazzjoni tal-pajjiż u hekk riedu jbaxxuna quddiem il-barrani. Dan huwa l-ħsieb li ridt infisser fl-artiklu tiegħi "Kittieba ta' Għada" fit-tielet ktieb tal-Ward ta' Qari Malti. Imma għalkemm il-Malti ma jiswiex għall-kummerċ u lanqas hemm miljuni ta' nies jitkellmuh, iżda għalina, igħidu x'igħidu dawk li jridu jagħilqu għajnejhom quddiem il-fatti, hu biss u waħdu hu l-mezz nazzjonali biex infissru l-ħsebijiet tagħna bih, kif ukoll il-forma illi l-Maltin kollha, mill-bdiewa ta' Had-Dingli sal-membri tal-Każin Malti, iqiegħdu u jfasslu l-ħsebijiet tagħhom fiha.

Hafna minn dawk li jidhrilhom li qed jagħmlu figura bit-Taljan jew bl-Ingliż tagħhom ma jkunux jagħmlu ħaġ'oħra ħlief iroddu bil-Malti u jitħaddtu jew jiktbu Ingliż jew Taljan li idjomatikament u fonetikament, ma hu Ingliż jew Taljan xejn. Għaldaqshekk ix-xogħol tal-Malti fis-soċjetà Maltija jixbah lil tal-Franċiż fis-soċjetà Franċiża u ta' l-Ingliż fis-soċjetà Ingliża. Meta nħarsu lejn l-imgħoddi u naraw kemm kellu jara għawġ u tfixkil ilsienna aħna, flok nitnikktu, inqawwu qalbna għax nitgħallmu li jekk għalli ġej jerġa' jinqala' xi moviment iblah kontra l-Malti

dan jispiċċa biex joqtol mhux l-ilsien tal-Maltin, li hu ħaġa waħda mar-ruħ u l-istorja ta' ġensna, imma lilu nnifsu, u hekk iseħħ dak li jgħidilna l-Malti li min jixtieq l-għali 'l ġaru jsibu f'daru. Mela jekk hemm xi ħadd qiegħed jaħseb biex minn issa stess jew inkella wara li terġa' tintraddilna l-kostituzzjoni jċekken u jfixkel il-Malti dan jaqbillu jiftakar dejjem x'għadda minn għala lsien Taljan f'Malta meta l-ħbieb tiegħu boloħ inqdew bih mhux bħala għodda ta' kultura, imma bħala forka kontra l-ilsien tagħna li xi ħadd Malti bħalna riedu jitla' mhux fil-katedra ta' l-Università imma ġo l-irmied tal-kċina.

Il-Malti f'Malta qatt ma jista' jmut għax minn seklu għall-ieħor jibqa' jsib il-ħbieb tiegħu. Tabilħaqq, il-Malti għandu ħaġa li hu biss u waħdu jista' jgħoddha bħala tiegħu, ħaġa li u la lsien Taljan u lanqas l-Ingliż ma jistgħu bħalu jgħodduha tagħhom fl-istorja tal-Gżejjer tagħna. Dil-ħaġa huwa il-jedd tal-lsien Malti li jingħadd bħala lsien il-Maltin, il-Maltin il-qodma li fis-seklu sittax iġġieldu qalbiena għall-ħarsien ta' artna kontra t-Torok u tal-Maltin ħutna ta' żmenijietna li dawru l-kanuni tagħna kontra għadu mill-eqqel li l-gżejjer tagħna qatt ħabbtu wiċċhom miegħu. Iżda lilna l-Malti jiswielna mhux biss għax, kif ingħidu hu tagħna, imma wkoll għaliex la darba wliedna twieldu fih, bħal kieku f'wirt li tahulhom Alla, aħna għat-tagħlim fl-iskejjel elementari, irridu u ma rridux ma nistgħux ma ninqdewx bih u dan skond l-aħjar prinċipji pedagoġiċi li jgħallmuna li t-tfal jitgħallmu lsna u suġġetti oħra l-ewwelnett bi lsien art twelidhom. U minn daqshekk la l-Malti hu lsien il-Maltin l-ebda lsien ieħor, lanqas l-Ingliż, ma jista' jasal biex jaqla' l-Malti 'l barra mill-iskejjel mingħajr ħsara kbira għall-edukazzjoni tagħna.

Għaldaqshekk ma kienx żball żgħir meta dari l-Malti kien jitħalla barra mill-iskejjel biex jagħmel wisa' lit-Taljan. L-Ingliż u t-Taljan li t-tfal tagħna dari kienu jitgħallmu ħallata ballata ma' suġġetti oħra, ma kienu jiswewlhom xejn għall-ħajja ta' wara l-iskola billi kienu joħorġu żgħar u sa tnax jew erbatax-il sena ma jistax ikun li wieħed jitgħallem l-Ingliż u t-Taljan sewwa. L-aktar jekk ikollhom ħafna trufijiet imħawdin ġo rashom imma xejn magħqud. Għalhekk, meta tqis ħaġa ma' oħra, tara li d-divrenzja bejn dawk it-tfal li kienu jmorru l-iskola u dawk li qatt ma rifsu l-għatba tagħha ma kinetx hekk kbira, l-aktar billi fl-iskejjel ma tgħallmux is-snajja' biex ikunu jistgħu jaqbdu x-xogħol meta joħorġu mill-iskola, f'Malta, jekk jibqgħu hawn, barra, jekk isiefru. Dawn it-tfal li l-lum saru żgħażagħ,

huma, biex ingħid hekk, il-pis u l-għajb ta' Malta, dik Malta li llum kulħadd qed isejħilha dar il-qalbiena imma li ma hi xejn inqas dar l-injoranti. Il-Malti għallinqas jibqa' jgħin lit-tfal tagħna meta dawn ikunu nsew kull ilsien ieħor biex bil-għajnuna ta' kotba u gazzetti tajba, huma jibqgħu jitgħallmu u jgħaddu iktar 'il quddiem.

Ftit taż-żmien ilu konna għadna nħabbtu moħħna kif noħolqu kotba għall-iskejjel. Dan ix-xogħol illum seħħ, għalkemm mhux mingħajr tfixkil u taħbit fil-bidu. Is-sur E. B. Vella għamel il-kotba għall-iskejjel elementari, fil-waqt li jiena u l-professur P. P. Saydon għaqqadna antoloġija ta' l-aħjar proża u poeżija fi tliet kotba ta' ma' dwar elf paġna. Illum aħna għandna wkoll grammatki tajba tal-Malti kif ukoll materjal lessikali u filoloġiku u studji lingwistiċi. Hekk, sa fl-aħħar, imlejna l-battal li kien hemm fil-Malti għalkemm, ma għandniex xi ngħidu, għad baqgħalna ħafna xi nżidu biex l-istudju tiegħu jibqa' jgħaddi 'l quddiem.

Issa qabel nitlaq dan il-punt ingħidilkom xi ħaġa fuq il-Malti fl-Università. Jiena naħseb li hawn il-Malti ġie f'tiegħu iktar minn kullimkien ieħor u lili mess il-ġieħ li nilħaq l-ewwel professur tal-Isien Malti wara M. A. Vassalli. Ix-xogħol tagħna issa hu li nwettqu l-programm nazzjonali ta' dar-Raġel li kien iħobb l-istudju u jobgħod it-tirannija għall-mewt. Nista' ngħid li dawk l-istudenti moħħom imħeġġeġ għat-tagħlim ħassew fihom is-saħħa ġdida ta' l-ispirtu nazzjonali. Fil-Isien tagħna huma sabu dak li qatt ma kienu sabu f'letteraturi oħra, jiġifieri r-ruħ ta' art twelidna. Biex niftiehmu, nieħdu l-poeti tagħna. Waqt li kulħadd jaqbel li l-*Golden Treasury* jiġbor poeżija mill-aqwa u l-*Poems of To-day* miġburin mill-Għaqda Ingliża fihom poeżiji tajbin, madankollu, dawn ix-xogħlijiet li jirrappreżentaw il-ġmiel u l-kobor tal-poeżija Ingliża jonqoshom dak il-lewn u dik ir-ruħ Maltija li aħna nsibu fil-poeti tagħna.

Ħaġa minn ewl id-dinja. Bħal fenomeni oħra soċjali, il-poeti huma wkoll ulied l-art fejn jitwieldu u jikbru u waqt li l-poeżija kbira kollha toħroġ mil-lehma universali, madankollu wieħed ma jistax jifred din il-lehma u l-ħsieb li jintrabat magħha min-nazzjon tal-poeta. Shelley, bħal bilbla tiegħu fl-*Ode of the Skylark*, jifrex ġwenħajh mad-dinja kollha, iżda riġlejh jibqgħu xorta waħda fl-Ingilterra. Dante, Shakespeare u Goethe kitbu poeżija kbira li għax id-dinja kollha tħobbha u tifhimha ż-żmien

ma jistax għaliha; iżda fil-poeżija ta' dawn ukoll hemm dik ix-xi ħaġa li minnha l-qarrej jista' jara n-nazzjon tal-poeta. Għax minn kull poeta toħroġ l-awra ta' pajjiżu bħalma mill-ward toħroġ il-fwieħa li tagħżel fjur minn ieħor. Il-poeta stħajlu bħal xitla li xxenxel għeruqha ġo l-art u minn ħajjitha sa mewtha tingħaqad xorta waħda mal-ħamrija fejn titrabba. Għalhekk aħna ma nistgħux inqiegħdu l-Goethe fl-Italja, lil Dante fil-Ġermanja u l-Shakespeare fi Spanja. Għaliex, għalkemm il-ġenju li huwa universali, ma jistax jingħalaq bħal kieku f'ħabs bejn it-truf ijiet tal-pajjiż, iżda b'danakollu ma jistax ma jeħux il-lewn u x-xeħta li jagħtuh it-temperament nazzjonali.

Shakespeare u Dante huma t-tnejn żewġ kolonni tal-Letteratura, imma Dante huwa l-ġenju Latin u Shakespeare hu l-ġenju Nordiku. Għalhekk fil-kittieba tagħna hemm messaġġ li aħna ma nistgħux insibuh f'kittieba barranin ukoll jekk akbar u aqwa. Tagħna jkellmu lin-nazzjon minn ġewwa n-nazzjon u jhejju t-triq għall-kobor ta' għada meta nkunu dorna dawra ma' dwarna u qegħidna darna sewwa kif imiss. Għalhekk il-Letteratura Maltija ma għandu ħadd ifixkel il-kobor tagħha biex hi tista' tul is-sekli tibqa' tiġbed bħal kieku f'mera x-xbiha tar-ruħ Maltija u tħaqqaq il-jedd tagħna li nibqgħu ningħażlu bħala nazzjon għalina bil-lsien u kultura tagħna. Dawk li jixtiequ l-qirda tal-Malti jixtiequ wkoll jeqirdu l-individwalità tagħna nazzjonali, ineżżgħuna mid-drawwiet u l-jeddijiet tagħna u jlibbsuna libset ħaddieħor li, għax ma toqogħdilniex twaqqagħna għaċ-ċajt u għad-daħk tal-barranin, ta' dawk il-barranin li jfittxu l-irġiel f'Malta u minn flokhom isibu l-pupi, nies mingħajr sinsla mehdijin fl-interessi tagħhom!

Jidhirli li għedt biżżejjed fuq suġġett li għax huwa għal qalbi tkellimt fuqu bosta drabi. Biżżejjed ingħid li fil-programmi ta' l-edukazzjoni tagħna, tagħlim il-Malti u l-Ingliż għandu jibqa' jsir flimkien għaliex hekk jixraq u hekk jaqbel jekk irridu naraw l-Ingliżi u l-Maltin ħbieb u jafdaw f'xulxin; għaldaqshekk ma għandna nħallu lil ħadd inaqqas it-tagħlim tal-Malti jew l-Ingliż: neħtiġuhom it-tnejn, il-wieħed għax tagħna, u l-ieħor għax aħna sudditi Ingliżi. Inwiddeb bil-ħerqa liż-żewġ komunitajiet, Maltin u Ingliżi, biex joqogħdu attenti għall-fanatiku, l-opportunist u l-injurant. Il-fehma tagħna hi kultura Ingliża-Maltija mibnija fuq iż-żewġt ilsna Malti u Ingliż.

Ġ. Aquilina.

# Kull Deni Hudu B'Gid

WARA nofs in-nhar ta' ġurnata kerha ta' Frar. Is-sema mgħaġġeb, l-arja mċajpra, is-sħab lewn il-kubrit. Kull fejn tħares dwejjaq u tiġrif u ħerba; imkien xaqq dawl, imkien fewġa ta' faraġ; taqtigħ il-qalb u biża' kienu jaħkmu fuq in-nies, kull fejn wieħed idawwar għajnejh ma kienx jilmaħ ħlief dwejjaq u swied il-qalb: it-tfal ħiemda, l-irġiel ħosbiena, in-nisa mbikkma. Malta kienet maħkuma minn niket kbir u qlub il-Maltin kienu donnhom iddakkru mill-hemm li kien isaltan fuq din il-Gżira.

Fil-Ġnien tal-Mall iltaqgħu bla ħsieb żewġ żgħażagħ li għalkemm donnhom ma xtaqux jaraw lil xulxin, mil-leħħa li feġġet f'għajnejhom u mill-fawra li telgħet għal wiċċhom, wieħed sata' jaħseb li qlubhom ma kenux jistmellu lil xulxin. Għall-ewwel bħal infixlu u baqgħu bejn ħaltejn jekk jeqfux ikellmu 'l xulxin jew jekk isellmux biss u jibqgħu sejrin, iżda mbagħad iż-żagħżugħ donnu rebaħ lilu nnifsu, bexxaq fommu fi tbissima ħelwa, resaq fuq it-tfajla u qalilha bi ħlieqa:

"Hawn x'qiegħda tagħmel waħdek? Qiegħda tgħodd il-weraq li fihom ix-xtieli?"

It-tfajla bħal infixlet u ma għarfetx twieġeb; hu reġa' qal:

"Aħjar ma titbiegħedx mix-xelter, Ineż! Il-lum dawn il-egħfiered ta' l-ajru ġejjin u sejrin!"

Ineż qrat f'għajnejn iż-żagħżugħ il-ħrara li biha qalbu kienet tħabbat għaliha u weġbitu:

"Tħajjart noħroġ nagħmel passejn wara l-ikel, Bert. Kemm iddum imkenna fix-xelter?"

Bertu deher imħasseb, imbagħad staqsa:—

"X'fettillek ħriġt waħdek?"

Ineż dehret imħawda għal din il-mistoqsija u biex tbiddel il-kliem staqsietu:—

"Int fejn sejjer, Bert?"

"Sejjer l-Isptar għax fl-erbgħa nidħol għassa."

"Daż-żmien għandkom x'tagħmlu intom it-tobba".

"Mhux għalhekk studjajna!" U ma' l-aħħar kelma t-tifkira ta' l-imgħoddi donnha dallmet ġbin iż-żagħżugħ, għax meta kien

għadu Student hu u Ineż kienu miġbudin b'imħabba l-aktar safja u qlubhom kienu jħabbtu għal xulxin bi ħlewwa li ma bħalha; iżda mbagħad, ħtija ta' xi bluha taż-żgħużija u bla ma jafu sewwa għaliex, bħal intrefgħu minn xulxin, tbiegħdu u nfirdu wieħed mill-oħra, iżda kull meta jiltaqgħu fit-triq, għajnejhom kienu jħarsu b'leħħa ta' hena u qlubhom kienu jferfru bi tqanqila ta' faraġ.

"Halli niġi nwassilek passejn", qal Robert lil Ineż, iżda din donnha riedet teħles minnu u bdiet tlaqlaq li kien sarlu l-ħin u li hi ma kienet sejra mkien; iż-żagħżugħ malajr fehem u biex jinbixha qalilha:—

"Forsi għandek tiltaqa' ma' xi ħadd hawn, hux?"

Ineż qalbet għajnejha bil-ħeffa fuq it-Tabib u dehret imfantsa bħal waħda li kienet ħadet għaliha, kienet sejra twieġeb imqit, iżda dak il-waqt inqala' Fizzjal, mar waqaf ħdejn Ineż u sellimilha bid-daħka f'fommu; it-tfajla ħmaret, bħal inkisret u tħawdet, ħarset lejn Bertu biex donnha tfissirlu li dak il-Fizzjal kien jafha bħala ħabiba, iżda t-Tabib baqa' iebes, sellem u telaq igħaġġel lejn l-Isptar.

Il-Fizzjal qabad lil Ineż minn driegħha u t-tnejn flimkien telqu bil-lajma lejn il-Belt; hu kien fuq ruħu u ferħan, il-ħin kollu jiċċajta u jgħid xi ħlieqa, iżda hi baqgħet ħiemda u kiebja, ħosbiena u mismuta, kienet tidher li kellha tqanqila f'qalbha u l-aħħar tislima ta' Bertu kienet ħawditilha moħħha.

Iż-żewġ żgħażagħ daħlu l-Belt u waslu fi Triq Irjali, fejn dari wieħed kien jara nies għaddejjin daħkana u ferrieħa, ħwienet mimlijin kollha ħajja u bejgħ, karrozzi u karrozzini jiġru u jitawtu, orkestri fil-kafejiet u baned fil-pjazza u kant fil-ħwienet, issa ħtija tal-gwerra kien waqa' swied il-qalb li, bħal star iswed, għatta l-Belt kollha. Ineż u l-Fizzjal ikkonfondew fejn imorru, imbagħad hu qal:—

"Tridx nidħlu ngħaddu sagħtejn fil-talkie?"

It-tfajla ma kellha ħajra ta' xejn, iżda billi ma kienx hemm ħaġ'oħra x'tiġbidha, ma qaletx le u daħlu.

* * *

Nofs siegħa wara daqqet is-sirena biex tħabbar ħbit millajru; kull min kien fit-talkie ħass bħal tqanqila f'demmu u beda jaħseb jekk joħroġx għall-kenn, imbagħad daħal tifel iwissi li fuq il-Palazz kienet telgħet il-bandiera ħamra, sinjal li kienu

deħlin il-bombers tal-għadu. Hafna nies qamu u ħarġu biex idabbru rashom, oħrajn baqgħu jitnikkru sakemm jibda l-isparar. Ineż xtaqet li kienet ma' niesha taħt il-blat, iżda billi l-Fizzjal ma kienx jixraq li juri ruħu beżgħan, baqgħu fejn kienu, għal-kemm qishom fuq ix-xwiek u b'widnejhom miftuħin għall-ħsejjes ta' l-ajruplan. F'daqqa waħda beda l-isparar u t-tijatru beda jirbombja bit-tfaqqigħ tal-balal; ħafna nies ħarġu jiġru, oħrajn resqu tħaxknu mal-koxox tal-pilastri; Ineż ħarset lejn il-Fizzjal li kien magħha, iżda dan kellu ħsiebu band'oħra.

Minnufih instama' tisfir nieżel mill-ajru, tisfir li jidħol fil-qalb u jkessaħ id-demm; in-nies twerwru, riedu jaħarbu, xtaqu jgħajtu bil-biża', iżda qabdithom ħedla li bikkmithom u sammretilhom riġlejhom ma' l-art, imbagħad instemgħet tfaqqigħa tal-waħx u minnufih inħasset theżżiża li qanqlet it-tijatru, refegħtu, xejritu minn naħa għal oħra qisu kaxxa tas-sulfarini u dak il-waqt beda jiġġarraf.

Kien hemm dehra ta' qirda u ta' ħerba li ma tistax tinkiteb, f'tebqa ta' għajn instemgħu ħsejjes u tiġrif u twerżiq li jidħol fil-qalb. Ġebel u ħaġar u travi tal-ħadid bdew jaqgħu u jinqalbu u jaħbtu ma' xulxin b'tisbit kbir u jinkisru u jħarbtu kull ma jiġi taħthom; qam sħab ta' għabra u trab li ħonoq lil kull min kien hemm u għatta kullimkien f'daħna kbira. In-nies donnhom tbellħu, kull min baqa' fuq saqajh telaq jiġri bla ma jaf fejn sejjer; min jibki, min jokrob bl-uġigħ, min isejjaħ lil sħabu; fil-pjazza quddiem il-Bibljoteka kien hemm daqqa ta' għajn li tkexkex, it-tarf tal-loġoġ, it-tijatru ta' quddiemhom, il-Każin Malti, il-kantuniera tal-Palazz kienu ntlaqtu mill-bombi tal-għadu u kienu mgħottijin bi sħaba ta' trabijiet u dħaħen li minn ġewwa fihom kien ħiereġ krib li jaqsam il-qlub, fil-pjazza, fejn kienet waqgħet bomba mill-kbar quddiem l-istatwa tar-Reġina, kienu mixħutin 'l hawn u 'l hinn għadd kbir ta' nies min jitkagħweġ ma' l-art, min jokrob bl-uġigħ, min mitluq għal mejjet, u l-qiegħa ta' l-art kienet imgħottija b'laqx ta' azzar u ħadid, ħaġar, għowwied, żġieġ imfarrak, siġġijiet u mwejjed imkissrin; kien hemm għadajjar ta' dmija u bċejjeċ ta' iġsma mxerrdin 'l hawn u 'l hinn kif ukoll tbajja' ta' demm imċappsin mal-ħitan hekk li jġibu reqqet ir-ruħ lil min jarahom.

Dak il-misraħ donnu tgħatta minn kefen il-mewt, kien hemm bħal sens ta' tkexkixa u ta' biża' li jwerwer; hemm

f'dik il-wesgħa kienet taħkem il- ħerba u jsaltan il-waħx, hemm kienu jinħassu l-kruha u l-qilla tal-gwerra.

F'radda ta' salib waslu dawk li jagħtu l-ewwel għajnuna, u Tobba u Qassisin u suldati u għadd kbir ta' nies, kulħadd medd idejh bi ħrara kbira, kulħadd ta l-għajnuna tiegħu bil-qalb kollha. Is-suldati bdew iqallbu l-ħaġar, iwarrbu ċ-ċnagen, iħaffru bil-bqaqen u jillevaw biex jeħilsu n-nies mirduma. It-Tobba minnufih bdew idewwu l-midrubin u jikkonfortawhom mill-aħjar li jistgħu. Il-Patrijiet resqu fuq dawk li kienu qrib il-mewt biex isabbruhom u jfarrġuhom bil-kelma t'Alla. F'qasir żmien il-qiegħa ta' dak il-misraħ imtliet bil-midrubin u bil-mejtin, imqegħdin wieħed ħdejn l-ieħor fuq li 'stretcher' biex jittieħdu l-isptar malli jaslu l-ambulanzi. Kull min kellu qalb jew sengħa biex idewwi, medd idejh bil-ħniena u bil-ħerqa kollha; hemm kienet tidher kemm hija sabiħa l-ħniena u r-rabta mqaddsa li tgħaqqad il-bnedmin flimkien bħal aħwa u f'dik il-ħerba ta' qilla feġġet il-mogħdrija ħanina mnissla minn qlub insara.

Wara ftit tal-ħin instemgħu jċemplu l-qniepen ta' l-ambulanzi li daħlu jiġru fil-Belt biex jiġbru l-midrubin u jeħduhom fl-Isptar, magħhom waslu Tobba u Infermieri biex jagħtu l-għajnuna tagħhom sakemm il-midrubin jaslu l-Isptar.

It-Tabib Robertu niżel jiġri mill-ambulanza. Dak il-waqt kienu qegħdin joħorġu l-midrubin mit-talkie: irġiel u nisa mimlijin dmija, imkagħbrin, imbenġlin, bi ħwejjiġhom imqattgħin, b'laħamhom imċarrat, min jofroq, min jitkaxkar, min merfugħ fuq l-idejn u min mitluf minn sensih; xi wħud kienu jolfqu, oħrajn igħajtu b'uġigħ għajat li jikser il-qlub u kien hemm min hu mixħut għal mejjet qisha ruħu ħarġet.

Robert kellu faxxa safra fuq driegħu biex jingħaraf li kien Tabib, xi ħadd ġibdu minn idu u qallu:—

"Tabib x'jidhirlek minn din it-tfajla? Għadna kemm qlajnieha minn taħt ir-radam."

It-Tabib dar biex jara l-midruba, iżda malli xeħet għajnejh fuqha, baqa' donnu mħaddel, għajnejh tberrqu, wiċċu sfar, xofftejh jirtogħdu, ilsienu tqal u bilkemm felaħ ilissen il-kelmiet, "Ineż! Ineż!"

Ineż kienet mitlufa minn sensiha, iżda dak il-leħen donnu ġagħalha tistejqer, bexxqet għajnejha u ħarset lejn Bertu b'ħar-

sa li f'ħin wieħed kienet tfisser l-uġigħ tal-ġisem u n-niket tal-qalb li kienet tħoss.

Ineż kienet f'sura li ġġib ħasra: kellha xagħarha mħabbel u mgħaqqad bid-demm, wiċċha mibrux u mbenġel, ħwejjiġha mċarrtin u mkagħbrin, il-ġilda ta' ġisimha kienet bajda daqs is-silġ u kellha rogħda fuqha li ma setgħet iżżomm b'xejn, spallitha tal-lemin kienet mitluqa, għerja, imgħaffġa u mċarrta b'ferita kerha li minnha kien ħiereġ gelgul ta' dmija li ħaslilha driegħha l-lemin kollu.

Robertu qal lil dawk li kienu jerfgħu lil Ineż biex jeħduha fl-ambulanza li għabbiet ħafna midrubin oħra u telqet b'ġirja lejn l-Isptar.

* * *

Għaddew xahrejn u Ineż kienet għadha u-Isptar, imma ma kellhiex għaġla biex toħroġ; f'dawk ix-xahrejn li damet hemm tikkura spallitha li kienet tgħaffġitilha b'ħaġra kbira, it-tfajla tgħallmet x'isarraf Robertu u għarfet il-ħrara ta' qalbu; dak it-Tabib żagħżugħ u mimli ħeġġa, taħt bixra ta' mqit kellu tħabbat qalb mixgħula bl-imħabba u mżejna b'kull irġulija, kien tifel għaqli u qatt ma ħalla l-frugħa u l-bluhat jagħmlu bih, qalbu kienet ilha tħabbat għal Ineż minn meta kien għadu daqsxejn ta' tifel student, imma billi kien ta' ftit kliem minn qaddisu u ma kienx jinqala' biex juri ġibdietu, dik it-tfajla għal-kemm kellha ħsiebha fih, ħalliet iż-żegħil ta' ġuvintur oħra jagħmel biha u forsi biex tinbex lil Robertu, ma kenitx tbarri l-ħbubija tagħhom; imbagħad iltaqgħet ma' wieħed Fizzjal u għalkemm kienet tkellmu, hija baqgħet bierda għall-kumplimenti tiegħu, għax qalbha dejjem baqgħet marbuta ma' Robert. Dan iż-żagħżugħ, ma' tul dawk ix-xahrejn li Ineż damet l-Isptar sar jaf li dik it-tfajla, għalkemm kellmet lil ħaddieħor, imħabbitha kienet refgħetha għalih, u qalbha kienet safja minn kull tebgħa.

Ineż u Robertu ħassew imħabbithom toktor u tiżdied u qlubhom jixegħlu bin-nar tal-għożża. Kull deni ħudu b'ġid, igħid il-qawl: id-disgrazzja ta' Ineż swiet biex hija u Robert fehmu li huma kienu maħluqin għal xulxin u taw il-kelma li qatt ma jinfirdu.

Ġużè Galea.

# GMIEL U HAJJA

*Lill-Professuri* Ġ. Aquilina *u* P. P. Saydon.

*Sbejħa kull warda*
*li tiftaħ f'ħoġor ommha,*
*kull warda mbewsa*
*minn fomm ix-xemx — li bħali tħobbha 'l warda —*
*bil-ġawhar niedja*
*mifruxa fuq sidirha. U jien nobgħodu*
*il-ward qarrieqi, il-ward li qatt ma trabba*
*fuq ħoġor ommu,*
*għaliex ma jafx bil-ħajja*
*li tinbet f'qalb il-weġgħa. U biss fil-warda*
*li tgħix u tikber bħali*
*jogħxew għajnejja.*

*Jien ma rressaqx wardiet*
*mill-ħjut minsuġa*
*jew b'karti mlewwen taħt l-ilbies taż-żebgħa,*
*quddiem ix-xbiha ħelwa tal-Madonna;*
*'mma nħobb mill-ġonna sbieħ,*
*imrewħa bl-oħla fwejjaħ,*
*nagħżlilha l-Ward li jfuħ u xi ftit Vjoli*
*moħbija qalb il-weraq.*
*Imbagħ'd bi truf subgħajja ħelu, ħelu*
*ninsġilha waħda waħda...*
*il-Ġiżimin bajdani*
*li jiftaħ sieket bħall-kewkbiet fl-għaxija*
*xħin tgħib ix-xemx għajjiena.*
*U meta jinxfu*
*il-ward — l-għaxqa t'għajnejja —*
*jien ma nagħlix jekk huma jaqgħu bħalna...*
*għax naf li l-mewt qerrieda*
*tixhed il-ħajja. Ma nibkix lill-Warda*
*meta nar'ha quddiemi*
*tinża' bla ħoss... u titlaq waħda waħda...*
*l-ilbies sabiħ tax-xema'...*
*li jinżlu fl-art ħelwin*
*bħal ġwienaħ ċkejkna mitluqin mill-anġli.*

*Inħobb il-ħajja*
*u l-ġmiel li jgħum fil-wisa' bejn dirgħajha*
*f'tgħanniqa ħelwa u sħiħa: inħobb il-friefet*
*b'dawk l-ilwien imħallta*
*għax magħhom qalbi togħxa*
*xħin jersqu fuq il-ward ħa' jxommu l-fwiħa*
*u jqabblu lwienhom sbieħ ma' ta' ġwinħajhom.*
*Kull ġmiel jisraqni:*
*u l-ġmiel iżid jisbieħ*
*meta jissieħeb*
*maċ-ċaqliq ħaj li jiġi biss mill-ħajja.*
*Helwa t-tarbija...*
*mhux biss għaliex fiċ-ċkejken*
*flimkien inħalltu l-ħlewwa mas-sbuħija:*
*iżda wkoll ħelwa*
*għax f'kull tbissima li tinfirex f'wiċċha*
*jew f'bikja mdendla fuq xofftejha ħelwa*
*tagħraf il-ħajja.*

*Il-ġmiel inħobb u l-ħajja:*
*Ma jħobbx il-ġmiel*
*min, dak li tibni l-ħajja,*
*jobgħod u jħott bla ħniena...*
*Ma jħobbx il-ħajja min lil qamħa bnina*
*jaħsad, jaħasra! qabel jasal żmienha;*
*u kiefer min jeqridha*
*xħin tkun minn ommha biss tistenna l-ħajja!...*

Dun Frans Camilleri.

## MAQDES IL-QALB

*Mhux deheb u fidda tleqq irid fit-tempju*
*u twapet sbieħ ilewnu fuq l-irħam:*
*lil qalbek il-Mulej irid mixgħula*
*u ruħek tiddi dejjem fuq id-dlam.*
*Għax Hu kull ġmiel m'nn idejh jimlieħ bid-dija*
*u jlibbsu kull tiżwiq u nsiġ ta' lwien;*
*f'idejk lil qalbek biss biex tħobb ħallielek:*
*minn qalbek l-ogħla ġieħ fost il-ħolqien.*

Dun Frans Camilleri.

# Il-Malti u l-Ingliż Fl-Iskejjel

GHALKEMM tagħlim il-Malti jidher li rabba l-għeruq fl-iskejjel kollha mill-elementari sal-Università, madankollu wisq nibżgħu li għad ma għandux għeruq ħoxnin biżżejjed biex jiflaħ iżomm sħiħ għar-rwiefen li jistgħu jheddu li jqaċċtuh. U għalhekk hu dmir tagħna li nibqgħu nieħdu ħsieb din is-siġra li rabbejna b'imħabbitna u saqqejna b'għaraqna, u ngħassu dejjem għal kull tibdil u taqlib ta' l-ajru li jista' jġib miegħu ħsara għas-siġra tagħna. Il-ħedma ta' bosta snin u ta' bosta żgħażagħ ma għandhiex tisfa' fix-xejn.

Tisma' min igħid: "Tagħlim il-Malti fl-iskejjel hu telf ta' żmien; hu ħsara għat-tfal u għaż-żgħażagħ li jistgħu jagħtu dak iż-żmien lil tagħlim ieħor. Kull siegħa tagħlim Malti, igħidulek hi siegħa misruqa lit-tagħlim Ingliż. Biex ngħixu l-Ingliż neħtieġu mhux il-Malti. Innaqqsu—x'uħud igħidu: inneħħu—it-tagħlim tal-Malti, inħarsu lejn il-ħajja min-naħa prattika u nrawwmu żgħażagħ li jifilħu jitqabdu mat-twegħir tal-ħajja jkunu fejn ikunu." U kliem ieħor bħal dan imżejjen bix-xniexel kollha tas-sengħa tal-kelma li taħdem fuq moħħ min jisma' bħal semm irqiq li jaħdem sieket sa ma joqtol il-ħajja. U dal-kliem tisimgħu min-nies b'ħafna ittri qabel u wara isimhom u għalhekk kelmthom mismugħa bħall-orakli taż-żmenijiet qodma U tisimgħu mhux fuq xi bank fix-xatt ta' Għar id-Dud jew bejn l-erba' ħitan tad-dar, imma f'postijiet fejn isaltan il-Għerf u fejn jinħadmu d-destini tajbin jew ħżiena tal-Malti ta' għada.

X'għad ikun mill-Malti fl-iskejjel? Tidher tassew fix-xefaq bgħid xi ras ta' sħaba heddieda, jew dan kollu thewdin ta' moħħ? Aħseb dejjem il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx, igħid il-Malti. U min iħobb jaħseb ħażin. Għalhekk aħna għax inħobbu l-Malti u ma rridux li jonqos it-tajjeb li ksibna, irridu naħsbu li l-Malti fl-iskejjel hu tassew imhedded, u mhedded mhux mill-Ingliż imma f'isem l-Ingliż. U biex nilqgħu din it-theddida sa nuru x'inhi l-fehma tagħna fuq it-tagħlim taż-żewġ ilsna tagħna, il-Malti u l-Ingliż. Ngħidu: 1. Liema hu l-post ta' l-Ingliż fl-iskejjel tagħna? 2. Liema hu l-post tal-Malti fl-iskejjel tagħna? 3. Jistgħu l-Ingliż u l-Malti joqogħdu flimkien?

1. *Il-post ta' l-Ingliż fl-iskejjel.*

L-Ingliż għandu jkollu fl-iskejjel il-post li jixraqlu bħala lsien tal-bandiera li qiegħda tħarisna u bħala lsien li jiftaħ lill-ħaddiem triq fid-dinja kollha. It-tagħlim ta' l-Ingliż għandu jibda mill-ewwel klassi u jibqa' miexi dejjem jikber u jinfirex sa kemm it-tifel jew iż-żagħżugħ jasal fejn irid jasal. Fl-iskejjel elementari, li ħliefhom ma jafux il-kotra l-kbira tat-tfal, it-tagħlim għandu jinfirex f'żewġ fergħat. L-ewwel fergħa tagħti l-pedament ta' l-ilsien, prinċipji ta' grammatka, qari bi pronunzja tajba, kitba b'dettatura. It-tieni fergħa, li għandha tkun akbar, trawwam it-tifel fl-Ingliż kif jitkellmuh fil-ħajja ta' kulljum. Wara sitta jew seba' snin tifel għandu joħroġ mill-iskola tal-Gvern jaf jaqra tajjeb, jikteb kelmtejn ħafif, ħafif imma bla żbalji, u jitkellem bi pronunzja tajba kif jitkellmu l-Ingliżi fil-ħajja ta' kulljum. Il-kotra l-kbira tat-tfal li jmorru l-iskola tal-Gvern ma għandhomx f'rashom u la jieħdu professjoni u lanqas isibu impjeg mal-Gvern. Il-ħajja tagħhom hi l-ħajja tal-ħaddiem fil-għalqa jew it-tarzna, fuq bastiment jew f'ħanutu, f'Malta jew f'pajjiż ieħor. U għal dan kollu t-tifel jaħtieġlu jkun jaf jaqra, jikteb u jitkellem bl-Ingliż tajjeb.

Fl-iskejjel sekondari t-tagħlim ta' l-Ingliż għandu jogħla, jiżdied fil-fergħa teoretika u jonqos ftit fil-fergħa prattika li nsemmuha *colloquial English*. Imma fuq kollox għandu jwassal iż-żagħżugħ fi standard għoli biż-żejjed biex ikollu impjeg f'uffiċċju tal-Gvern jew jieħu professjoni. U hawn irridu nwissu li mhux biż-żejjed li tifel ikun jaf jaqra u jifhem *essay* jew poeżija bl-Ingliż, jew li jkun jaf jikteb mingħajr żbalji—għallinqas kbar—ta' grammatka u ortografija. Jaħtieġ fuq kollox li t-tifel jitħarreġ jaħseb b'rasu u jfisser dak li jaħseb. Ħafna tfal ma jafux jiktbu għax ma jafux jaħsbu, u ma jafux jaħsbu għax qatt ma tħarrġu. Moħħom magħluq minn dak li jaraw jew dak li jaqraw, imma lilhinn mill-ġrajja ma jħarsux, it-tagħlim tal-ġrajja ma jifhmuhx, u għalhekk il-ġrajja li jaraw jew li jaqraw jibqgħu għalihom bħal ktieb magħluq. U malli twarrab il-ktieb minn quddiemek, twarrab ukoll minnek it-tagħlim li fih kollu. Darri t-tifel jaħseb b'moħħu, flok ma jikteb storja darrih ifisser dak li jaħseb fuq dak li jiġri; u hekk it-tifel isir żagħżugħ u jsir raġel jaf jaħseb u jfisser dak li jaħseb, jaf jikteb u jitkellem u jidher kif inhu xieraq f'kull post li bil-ħila tiegħu jilħaq.

Fl-Università, l-ogħla post tat-tagħlim, l-Ingliż għandu jasal sa l-ogħla tarġa u ż-żgħażagħ għandhom ikunu jafu mhux biss jaqraw, jiktbu u jitkellmu b'Ingliż tajjeb, imma għandhom ukoll jifhmu u jħossu l-ġmiel tal-letteratura fil-friegħi tagħha kollha.

Dan hu l-post li fil-fehma tagħna għandu jkollu t-tagħlim ta' l-Ingliż fl-iskejjel tagħna. Hekk it-tagħlim ta' l-Ingliż iżomm dejjem il-post ta' ġieh li jixraqlu u jgħin it-tifel Malti f'kull triq tal-ħajja.

2. *Il-post tal-Malti fl-iskejjel.*

Għandu l-Malti jkollu post fit-tagħlim ta' l-iskejjel? Ftit u wisq ftit huma dawk li jgħidu le. Għalihom il-Malti żejjed, telf ta' żmien, ma jiswa għal xejn. Biex nitkellmu bil-Malti mhemmx għalfejn skola; niktbu u naqraw bil-Malti hu żejjed meta nafu niktbu u naqraw bl-Ingliż. F'ħajjet Alla mhumiex wisq li jaħsbu hekk. Ftit aktar huma dawk li jgħidu li l-Malti għandu jkollu post fit-tagħlim, imma mhux post għoli; għandu jidħol fl-iskejjel iż-żgħar biss u mhux fl-iskejjel sekondari u l-Università. Biżżejjed li tifel ikun jaf jaqra u jikteb kelmtejn ħafif ħafif għal dak li jista' jinħtieġlu meta jikber. Aktar minn hekk żejjed u telf ta' żmien. Aħna ngħidu li l-Malti għandu jidħol fl-iskejjel kollha kemm huma. Le, mhux biżżejjed li t-tifel Malti jkun jaf jaqra u jikteb ħafif ħafif b'ilsienu. Il-Malti, sewwa jekk inhu ħaddiem sewwa jekk inhu tal-professjoni, għandu d-dritt bħal kull bniedem ieħor ta' pajjiżi oħra jagħti lil qalbu dawk is-sodisfazzjonijiet kollha onesti li tixtieq. Jekk il-qalb titgħaxxaq bid-daqq, ħadd ma jista' jċaħħad il-bniedem mid-daqq; jekk titgħaxxaq bil-ġmiel tan-natura, ħadd ma jista' jagħlaq il-bniedem ġol-ħabs ta' l-ibliet biex ma jarax il-ġmiel tal-ħolqien. U jekk qalb il-bniedem titgħaxxaq tfisser bil-kitba dak li tħoss min jista' jżommlu idu l-bniedem u jċħnoqlu ġewwa qalbu kull ħass ta' ferħ jew għali, ta' hena jew niket li jkun ibaqbaq ġo fih u jrid jinfexx barra f'kitba ta' proża jew poeżija? Il-qalb għandha d-drittijiet tagħha bħalma għandu d-drittijiet tiegħu l-bniedem li għalihom jitħabat u jiġġieled. U jekk il-qalb għandha d-dritt tfisser dak li tħoss, il-bniedem għandu d-dritt li jkollu dak it-tagħlim kollu meħtieġ għal dan. U bħalma l-qalb titgħaxxaq tfisser dak li tħoss, titgħaxxaq ukoll tħoss dak li ħasset qalb oħra. U għalhekk il-bniedem irid jaqra, iħoss pjaċir hu u jaqra, u akbar hu l-pjaċir aktar ma l-ktieb jaqbel ma' xejriet qalb il-qarrej. Ktib

u qari huma bżonnijiet tar-ruħ, u kull poplu ċivilizzat dejjem ħadem kemm felaħ bix imexxihom 'il quddiem.

Jaqbeż igħid xi ħadd : Tajjeb, min għandu l-ġibda għall-qari u għall-kitba, ħa jaqra u jikteb bl-Ingliż, u hekk ikun ipaxxi 'l qalbu xorta waħda. Le; min jaħseb hekk juri li anqas 'il qalbu ma jifhem, aħseb u ara qalb ħaddieħor! L-ewwelnett mhux kulħadd jista' jimxi 'l quddiem biż-żejjed fit-tagħlim ta' l-Ingliż li jkun jista' jaqra kull ktieb li jixtieq. Terġa', qalb il-bniedem aktar tistrieħ fil-qari u l-kitba ta' lsien it-twelid, milli f'ilsna barranin, barra minn dawk il-ftit li lsien barrani sar għalihom qisu lsienhom. U mqar il-ftit mhux dejjem iħossu dak li ħass il-kittieb għax qalbhom mhux dejjem tkun taqbel mal-qalb ta' ġens barrani.

Għalhekk jekk il-Malti ma tagħtihx il-mezzi kollha biex jitgħallem jaqra u jikteb tajjeb u jifhem sewwa dak li kiteb ħaddieħor, tkun qiegħed tisraqlu wieħed mid-drittijiet li tatu n-natura, tkun qiegħed toqtollu biċċa minn ruħu, u tagħmlu bil-ftit il-ftit bħal magna li ma taħsebx, bħal ħaġra li ma tħossx.

It-tagħlim tal-Malti nistgħu nħarsu lejh minn naħa oħra u naraw aħjar kemm jistħoqqlu post għoli fl-iskejjel tagħna. Il-poplu Malti poplu żgħir; ma għandux kolonji anqas medda kbira ta' art; ma għandux industrji anqas minjeri; ma għandu xejn li bih jista' jiddaqqas ma' popli kbar. Il-lsien biss jagħżlu minn popli oħra. Neħħi minn Malta l-lsien Malti u l-poplu tkun ħassartlu l-marka li biha jingħaraf fost il-ġnus kollha tad-dinja. Tista' l-Awstralja ma jkollhiex ilsien tagħha, jistgħu l-Istati Magħqudin ma jkollhomx ilsien tagħhom; għandhom x'jagħżilhom minn pajjiżi u minn ġnus oħra, imma l-Malti ħlief ilsienu ma għandu xejn. Il-lsien Ingliż, li jaqdina f'kollox u kullimkien, mhux il-lsien li tatna n-natura; hu bħal lbies li mingħajru ma nistgħux ngħaddu, imma mhux ruħna li mingħajrha m'aħniex ħajjin. U dan iħossu kull ħadd imqar min irid isikket bil-għajta aktar qawwija ta' l-Ingliż il-leħen ta' ruħu Maltija.

Il-lsien Malti jagħmilna Maltin, jagħżilna minn ġnus oħra, jagħtina l-individwalità tagħna fost il-familja tal-ġnus kollha tad-dinja. Li aħna żgħar jew kbar ma jgħoddx; igħodd biss li nħossu fina l-kuxjenza ta' l-individwalità tagħna.

Meta bniedem iħoss fih il-kuxjenza ta' l-individwalità tiegħu jħoss ruħu daqs kull bniedem ieħor ta' pajjiżi akbar. Bħalu jaħseb b'rasu u bħalu ma jmejjilx rasu ħlief quddiem ir-raġuni.

L-individwalità tagħna nfusna hija l-akbar u l-ogħla dinjità tagħna għax mingħajrha mhemmx post għalina fil-ħolqien. Sa kemm nibqgħu ngħożżuha, ma nitjassru qatt lejn fehmiet li għalina huma tajba biss għax ġejjin minn rjus ta' pajjiżi kbar.

Mela jekk il-lsien Malti waħdu jagħtina l-individwalità tagħna li terfagħna fil-għoli ta' ġnus magħżulin b'individwalità tagħhom, jaħtieġ li l-lsien Malti mhux biss inżommuh, imma ngħożżuh u nitgħallmuh u nirqmuh b'kitba sabiħa, nerfgħuh u ngħolluh kemm jifilħu l-forzi tagħna. Għax it-tagħlim tal-Malti jirqom fina l-bixra tagħna Maltija, u aktar ma hi mirquma aktar hi qawwija l-bixra jew individwalità tagħna, u aktar ma hi qawwija aktar imweġġħin tagħmilna f'għajnejn il-barranin u aktar qalbenin għal artna.

Għalhekk il-Malti għandu jkollu post għoli fl-iskejjel jekk irridu l-Maltin ta' għada jagħmlu ġieħ lilhom infushom, lil artħom u lill-Imperu Ingliż. Aħna maħniex biċċa deheb fil-kuruna Ingliża ; aħna biss waħda mill-ħaġar prezzjuż li jżejjinha. Irridu nibqgħu li aħna; irridu li dik il-ħaġra tkun dejjem nadifa u tiddi. Imma min imidd idu biex jiksi dik il-ħaġra b'kisja deheb biex tidher biċċa mill-kuruna nfisha, ikun igħarraq il-ħaġra prezzjuża, iħassar il-kuruna bla ma jirnexxilu jbiddel dik il-ħaġra f'deheb.

3. *Il-Malti u l-Ingliż flimkien.*

Hawn hi l-għoqda tal-kwistjoni. Għandu t-tifel żmien biżżejjed biex jitgħallem l-Ingliż kif imiss meta miegħu jrid jitgħallem il-Malti? It-tweġiba titlob ħsieb, studju, esperjenza, u aħna ma rridux inwieġbu iva jew le qabel ma niflu u niżnu r-raġunijiet kollha. L-ewwelnett kemm ilu l-Malti fl-iskejjel, it-tagħlim ta' l-Ingliż ma tilef xejn, ma naqqas xejn mis-sigħat li kellu qabel. Jista' jkun li xi suġġetti oħra tilfu xi ftit imma mhux l-Ingliż. Jekk ma naqsux il-lezzjonijiet, anqas ma naqas ix-xogħol li t-tifel kellu jagħmel id-dar wara l-iskola. Bil-Malti jew bla Malti, l-istudju ta' l-Ingliż baqa' dejjem miexi xorta waħda, u Malti anqas ma jfisserx Ingliż iżjed imma logħob iżjed. Staqsu lid-Diretturi kollha ta' l-iskejjel u jgħidulkom jekk il-Malti qattx fixkel it-tagħlim ta' l-Ingliż. Il-kelma tagħhom u l-kelma ta' l-eżamijiet tiswa aktar milli jafu u jistgħu jgħidu dawk il-għorrief li semmejna fil-bidu. Il-Malti ma jfixkilx l-Ingliż, bħalma ma jfixkluhx il-Latin u l-Matematka. Inkunu qegħdin nagħmlu għajb kbir lit-tifel Malti u nniżżluh taħt tfal ta' pajjiżi oħra

jekk ngħidu li ma jistax jitgħallem tajjeb l-Ingliż minħabba ftit sigħat fil-ġimgħa tagħlim Malti. L-esperjenza hija l-ieħen tassewwa, u l-esperjenza tagħti l-ħaqq lit-tifel.

Naqblu aħna ma' dawk kollha li jgħidu li t-tagħlim ta' l-Ingliż jista' jogħla iżjed, imma ma naqblux ma' dawk li jridu jgħolluh billi jnaqqsu t-tagħlim tal-Malti. Bħalma għidna fuq, Malti anqas ifisser logħob iżjed. Il-ħtija mhix tal-Malti, imma tas-sistema tat-tagħlim Ingliż li jaħdem bħal magna mejta, u mhux bħal forza ħajja li taħdem fuq ġisem ħaj li hu l-ilsien Ingliż, l-ilsien mhux biss ta' eluf ta' kotba imma ta' miljuni ta' nies. Dak li jaħtieġ it-tifel, l-aktar fl-ewwel snin tat-tagħlim, mhix kotra ta' regoli ta' grammatka li jħabblu l-moħħ, mhux tifsir ta' ħafna kliem li jridu jitgħallmuh bl-amment, mhux ħafna qari li aktarx jegħja l-moħħ tari tat-tifel, imma pronunzja tajba, bini ta' sentenzi qosra fuq l-użu idjomatiku tal-kliem, taħdit bl-Ingliż ħafif imma kif jitħaddtuh l-Ingliżi. Hekk it-tifel jibda jitħarreġ mhux biss fl-Ingliż tal-kotba imma fl-Ingliż tal-ħajja wkoll. Aktar ma t-tifel jikber, aktar għandu jitħarreġ jaħseb b'rasu u jfisser il-ħsebijiet tiegħu. Hawn żgħażagħ ta' għoxrin sena li jiktbu komponimenti bla sura, fiergħa minn kull ħsieb u mimlija biss b'ħafna tlablib. Ta' min hi l-ħtija jekk ma jgħaddux fl-eżamijiet? Tal-Malti li tellifhom iż-żmien? Jew tal-metodu ħażin tat-tagħlim?

Lil dawk li jidhrilhom li siegħa tagħlim aħjar taħliha fl-Ingliż milli fil-Malti nżidu ngħidulhom li l-iskola tqabbdek biss it-triq tat-tagħlim imma ma tgħallmekx kollox. Wara ħafna snin skola jibqa ħafna x'wieħed jitgħallem, imma hu żball kbir li tnaqqas jew tneħħi suġġett wieħed biex iżżid lil ieħor. Fl-aħħar mill-aħħar, iżżidlu kemm iżżidlu l-Ingliż jibqa' dejjem x'wieħed jitgħallem. Fl-iskola naqbdu tajjeb it-triq tat-tagħlim, imma nimxuha fis-snin ta' wara l-iskola.

Il-Malti u l-Ingliż jistgħu u għandhom jimxu flimkien fl-iskejjel. Ma jfixklux lil xulxin. It-tfixkil ġej minn band'oħra u aħna rridu nilqgħulu mill-bogħod u ma nħalluhx jagħmel ħsara lit-tagħlim. Irridu l-Malti għax aħna Maltin; irridu l-Malti biex nagħmlu rġiel iħobbu 'l arthom u jaħsbu b'rashom, nies ta' karattru qawwi li ma jdurux ma' kull riħ u li qatt ma jgħawwġu triqthom. Jekk it-tagħlim ta' l-Ingliż nieqes biddel is-sistema, imma ara tmiss il-Malti biex tgħolli l-Ingliż.

12 - 9 - 43. P. P. SAYDON.

# MARSALFORN

*(Għeluq is-Sajf ta' l-1943)*

## I.

*Għadu kif sebaħ. Mat-tbexbix tas-sema*
*abjad fix-xefaq, fejn bix-xuxa mxarrba*
*feġġet ix-xemx, il-ħoss tal-mewġ jinsema'*
*mal-plajja jħaxwex kif kont nisma' darba.*
*U l-ħoss tal-mewġ iħaxwex li bħal karba*
*tixtieq tal-għodwa s-sliem f'qalbi jinġema',*
*u fih inħoss il-baħħ ta' nies imħarrba*
*minn djar imwaqqgħa, il-baħħ ta' dik il-ġemgħa*
*ta' nies li maż-żerniq ta' għodwiet safja*
*mis-swied tas-sħab ħalliet il-kenn tax-xtajta*
*u ħasset li tal-hemm għaddiet bħal għafja.*
*Toħroġ xi ruħ u taqsam dik il-qala*
*biex tgħabbi x-xbiek fuq dgħajsa—iżda mal-blajta*
*għalxejn tokrob il-mewġ lid-djar battala.*

## II.

*Ix-xemx li tisreġ fuq is-skiet tal-plajja*
*waqfet f'nofs trieqtha, u fwawar ta' nirien*
*tarmi fuq ramel, ċ'għak, għelieqi; urajha*
*l-għolja ebda dell ma tixħet fil-widien.*
*Fuq xi ħajt jikwi jieqaf id-dubbien;*
*ta' nofs in-nhar il-ħemda qtajja' qtajja'*
*iż-żunżan jikser fuq xi dielja: għajjien*
*il-ħmar tal-bidwi rokna dell jissajja.*
*Fil-ħemda ta' dal-ħin ukoll il-mewġa*
*ta' xatt il-baħar siktet bħat-taħbita*
*ta' qtigħ il-qalb fin-nies hekk kif il-fewġa*
*ta' l-irwiefen tal-għadu fuq il-Gżira*
*ġie żmien li ma nħassetx u l-ħajja mqita*
*hawnhekk ħalliet ta' serħ l-egħżeż tifkira.*

III.

*L-aħħar dija tax-xemx titmewwet qiegħda*
*ma' daħ'r il-għolja u l-wileġ fuq il-wied.*
*Il-qanpiena tal-knisja b'sejħa mriegħda*
*għadha tnaqqar tal-għasar għat-talbiet.*

*L-għelieqi, ix-xatt, il-blat fid-dlamijiet*
*għoddhom indifnu; ma' ġenb l-għar bilqiegħda*
*għadu xi ħadd jistad; tal-lejl fis-skiet*
*ħerġin fuq dgħajsa jaqdfu xi sajjieda.*

*Jixref fuq l-għabex bid-dawl kiebi tiegħu*
*il-qamar biex jistaqsi għal min kien tbiegħed*
*u li dal-ħin kien dlonk jitħaddet miegħu;*

*il-qamar li tad-dinja l-ġlied qed jara*
*u l-qirda ta' kull art, b'għajnejh titriegħed*
*lill-qalb li tifhmu donnu ġieb xi bxara.*

Is-7 ta' Settembru, 1943. A. Cremona.

---

## SUNETT

*Int tkun il-ħolma f'nofs il-ħolm tal-ljieli,*
*in-nar li jixgħel it-triqat minsija,*
*li jgeġweġ qalb il-ġawhar fuq ix-xtieli*
*u jdawwal mitt elf ġamar: mitt elf dija...*

*Int tkun il-kewkba li fit-tramuntana*
*tlebleb utieqa mat-taħbit fuqani*
*li tħabbat f'qiegħ id-dalma, sfiq, annuna,*
*din ruħi mnikkta bit-tlellix setgħani...*

*Int tkun il-warda li f'nofs ħidmet drieghi*
*tfawwar bil-hena fit-tħarbit tal-ħsada,*
*tfewweġ bħaż-żiffa fit-taqbid mat-tliegħi*
*li għad nixxabbat għada w pit-pit-għada...*

*Għax għalkemm bjuda mejta wisq ħanina,*
*tmewweġ qalila minn ġol-ġiżimina!*

23 - vii - 43. W. Ph. Gulia.

# IT-TIEG TA' GAKOB

*(Meħud minn fuq Thomas Mann)*

U kif is-seba' snin ta' mistennija resqu lejn tmiemhom wasal iż-żmien meta Ġakob kellu jgħammar ma' Rakel u l-ferħ tiegħu kien bla qies.

Għax Rakel issa kellha dsatax-il sena u għal seba' snin kienet ilha tistennieh fis-safa ta' xbubitha.

U n-nies ta' Leban kollha ħaslu rjushom u ġisimhom fl-ilma ta' l-għadira mqaddsa u ndilku u nsibku għal xejrt qalbhom u libsu l-aħjar ilbies u ħarqu żjut imfewħa biex jilqgħu lill-mistiedna. U dawn ġew bil-mixi u fuq dahar il-ħmir u fuq l-għoġiela u l-ibgħula, irġiel għalihom u nisa u rġiel flimkien. Ġew il-bdiewa u r-raħħala ta' dawk l-inħawi, ukoll midluka u misbuka liebsa lbies tat-tieġ, nies ta' qabil Laban u tax-xeħta tiegħu. U qiegħdu idejhom fuq ġbinhom u sellmu, u mbagħad xterdu mad-dar u qagħdu għad-dell fil-btieħi. U mbagħad x'ħin ħaslu idejhom u saqajhom indafru ma' l-imwejġed u kielu u xorbu bis-saħħa ta' Xamax u ta' Laban, missier l-għarusa, dak li kien hejja dan il-għors. U l-mistiedna kienu mxerrda fil-bitħa ta' barra u madwar l-imħażen u fil-bitħa ta' ġewwa madwar il-midbaħ u fuq il-bejt. U madwar il-midbaħ inġabru wkoll id-daqqaqa li kienu ġew mill-Harran u daqqew l-arpi u ċ-ċimbli u ħabbtu t-tnabar. U dak in-nhar kien ir-riħ u r-riħ żdied għal fil-għaxija......

U mbagħad Laban qam bil-qajla fuq saqajh.

"Ersqu lejja", qalilhom, "għax wasal nofs il-lejl; ejjew qribi u jien ngħaqqadkom flimkien".

U l-ħaddara rtassu ma' dwarhom biex jaraw lil Ġakob u 'l Rakel jinżlu għarkobtejhom quddiem missier l-għarusa u biex jisimgħu lil Ġakob iwieġeb kif kienu wieġbu ta' qablu. Għax Laban staqsieh jekk riedx li din il-mara tingħaqad miegħu u li hu jkun ir-raġel tagħha: u Ġakob wieġeb iva. U mbagħad staqsieh fuq ġiddu u jekk riedx jagħni ġuf dil-mara; u Ġakob wieġeb li ġiddu kien kbir u li lil dil-mara ried jimlielha ħoġorha bil-fidda u d-deheb u jġiegħelha trodd frottha bħal frott il-ġnien. Imbagħad Laban messilhom ġbinhom u tbaxxa u qiegħed idejh

fuqhom. U qalilhom iqumu u jitgħannqu għax huma kienu mtejġa. U l-għarusa ħadha mill-ġdid għand ommha u qabad lil bin oħtu mn'idu u mexxieħ quddiem il-ħaddara. U dawn inġemgħu warajhom u bdew igħannu. Niżlu mit-taraġ tal-ġebel ġewwa l-bitħa u d-daqqieqa ħallew il-midbaħ u mxew quddiem. Imbagħad imxew is-subien bl-imsiebaħ u warajhom it-tfal biċ-ċnieser. U Laban mexxa l-Ġakob f'dik is-sħaba ta' fwieħa. Ġakob kien sieket, imma Laban kien jaf l-għana kollu u għanna l-għanja ta' tnejn li jinħabbu lejlet tiegħom. U fl-għanja l-ħaddara kienu jiġu mill-barr bħal sħaba ta' duħħan imfewħa bil-mirra u bl-inċens u l-għarus kien jimxi bil-kliel li ommu għamliltlu fuq ġbinu fil-jum tal-għerusija. U dan kollu huma kienu qed jagħmluh dak il-ħin fid-dar ta' Laban, imma l-għanja ma kenitx tgħodd għal Ġakob għax ommu kienet 'il bogħod u hu kien maħrub. U mbagħad, fil-għanja, l-għarus kien jitkellem u l-għarusa twieġeb u t-tnejn wieħed wara l-oħra kienu jgħannu għana ta' tifħir u ta' xenqa. Għax soddthom kienet imhejjija u huma wegħdu lil xulxin l-akbar ferħ fil-għaqda ta' sħubithom imfewħa.

Għax idu x-xellugija jqiegħda taħt rasha u b'idu l-leminija jgħannaqha u oħla mill-inbil tal-għoljiet tkun imħabbithom. U fil-għanja huma widdbu l-ħaddara joqogħdu ġwejda biex ma jqajmux l-għarajjes mir-rqad qabel ikun jogħġobhom. Talbuhom f'ġieħ il-ward u d-dbejjeb tax-xagħri, u l-ħaddara ngħaqdu lkoll flimkien u bdew igħannu minn qalbhom.

U hekk fir-rih, għad-dawl tal-qamar imċajpar, imxew darba darbtejn madwar ir-razzett ta' Laban u ġew quddiem id-dar u waqfu quddiem il-bieb. U Laban qabad il-Ġakob minn idu u ħadu fl-għorfa fejn is-sodda kienet imhejjija. Imbagħad xtaqlu kull ġid u kull barka u reġa' dar lejn il-ħaddara miġbura ma' dwar il-bieb. U telqu kollha flimkien igħannu u Ġakob baqa' waħdu......

Marru l-ħaddara jġibu l-għarusa u d-dar u l-btieħi kienu mimlija bl-għana u bil-ħoss tat-tkaxkir ta' saqajhom. U Ġakob qagħad bil-qiegħda fuq is-sodda jissemma'. Mill-ġdid kienu reġgħu telqu mid-dar bl-arpi u ċ-ċimbli quddiem u magħhom kienet ġejja Rakel il-maħbuba, il-mistennija. Laban kien qiegħed imexxiha kif kien mexxa 'l Ġakob. U d-daqq u l-għana tat-tieġ kien jinsema' issa bil-mod u issa mgħaġġel...

Maħbubi, issa tiegħi, kollu tiegħi;

Jiena ġnejna mwarrda mimlija għeneb u ħawħ sabiħ u mfewħa bl-oħla ħwawar.

Ejja maħbubi fil-ġnejna tiegħek u aqta' l-frott misjur u stagħna b'għaslu...

U l-għannejja kienu jinħassu wara l-bieb; u l-bieb tbexxaq kemm kemm u Laban daħħal il bintu mistura fil-mantar u għalaq il-bieb malajr.

U Ġakob u maħbubtu baqgħu weħidhom fid-dlam.

A. CALLEJA.

---

## REPRESSION

I.

*La tweġiblix għal xewqti*
*bil-leħħa ta' għajnejk,*
*tagħmilx kif nagħmel jiena,*
*la tweġiblix b'xofftejk.*
*Hallili mħabbti fija*
*mifruda minn kullħadd,*
*ħalli mħabbti torqod*
*la tqajjimhieli qatt.*

31 - 1 - 39.

II.

*Għad jiġi żmien li mħabbti*
*iżjed ma tħabbatnix*
*w għajnejk, wiċċek u surtek*
*iżjed ma jiġbdunix;*
*u tħobbni xorta waħda*
*daqs kieku ma tħobbnix,*
*mill-ferħ, mill-qrusa t'issa*
*f'li ġej ma jibqagħlix.*

16 - 8 - 40. MARĊELL MIZZI.

# L-ASTROPLANE GERMANIZ

MA nafx kif sibt ruħi f'dik it-triq dejqa u mudlama, b'dawk il-ħitan għoljin, suwed u maħmuġin, u bl-art imżellġa u tiżloq bl-ilma li kien inixxi minn ġol-ħitan. Naf biss li dik it-triq kienet qiegħda tbeżżagħni u jien kont qiegħda nagħmel ħilti kollha biex nitwarrab minnha. Imma kien kollu għal xejn. Aktar ma bdejt niġri, it-triq aktar bdiet titwal u biex tkompli tagħqad sewwa, nisma' fuq rasi d-damdim ta' l-ajruplani u ħsejjes ta' sparar imgħaġġel fil-bogħod.

Dak il-ħin nilmaħ ħafna nies ġejjin lejja. Malli qorbu ftit bdejt ngħajjat kemm niflaħ "jaħasra, għiduli fejn hu x-xelter għax dalwaqt jibdew jitfgħu l-bombi". Imma ħadd minn dawn in-nies ma tani widen u wara li ħarsu ħarsa biċċiera lejja beqgħu mexjin 'il quddiem b'wiċċhom bil-għadab qisu wiċċ sid il-kera meta jkollu jdaħħal ta' xi għaxar snin. X'ħin rajt hekk, aktar bdejt ingħajjat biex igħiduli fejn hemm xelter għax il-ħoss ta' l-ajruplani beda jinstema' fuq rasi. Imma fl-aħħar il-għajat tiegħi dejjaq lill xi ħadd minn dik il-folla u "trīdx tiskot! irvellajt kull ma hawn" qalli mgħaddab wieħed raġel "ma kellekx xelters biż-żejjed fi żmien il-gwerra, issa li għandna l-paċi trid ix-xelters ukoll?"

Kif smajt li saret il-paċi ma ħadtx pjaċir bi ftit u "Viva l-paċi" bdejt ingħajjat, "Viva l-Ingilterra". Anqas ilħaqt tennejt dan l-isem li "sikket ilsienek, ħej", qabeż wieħed ieħor minn dawk in-nies, "għax jekk int xbajt minn ħajtek aħna għadna ma xbajniex. Ara x'ser ngħidlek, binti",kompla jgħidli,"isma' minn min hu ikbar minnek u dak l-isem neħħih minn ħalqek. Għax issa li ninsabu f'idejn dal-Germaniżi insa dak il-pajjiż qisu qatt ma kien, għax jekk toqgħod issemmi l-Ingilterra ħażin taħbat int u niesek miegħek."

Kif qaluli hekk marli l-ferħ kollu li kont ħassejt meta qaluli li saret il-paċi. "Ħa naraw x'ġej ma' dawn il-Germaniżi", għidt f'qalbi; imbagħad dort fuq dak ir-raġel u staqsejtu fejn kienu sejrin dawk in-nies kollha. Dan qalli li dak li jxandar minn fuq ir-*Rediffusion* kien qallhom li b'amar ta' Hitler kulħadd kellu f'dak il-jum jinġabar f'misraħ wieħed għax il-"Fuhrer" ried ikellimhom. Billi ta' mara li jien, messitni l-kurżità, bqajt sejra magħhom biex nara lil dan Hitler u nisma' x'kien se' jgħidilhom.

Wara li mxejna ħafna sibna ruħna f'wesgħa kbira, b'kurduni ta' żgħażagħ Nażisti, ibsin qishom bċejjeċ ta' magna kbira, bl-elmijiet ta' l-azzar u x-xwabel merfugħa f'idejhom. Hawn jien stagħġibt ħafna, għax għad li kienu għadu sew sew nofs in-nhar is-sema kien iswed tuta u x-xemx u l-kwiekeb, li kienu jidhru qrib ħafna, kienu jdawruna minn kullimkien. Imma mbagħad ftakart li hemm kien jiġi x-xifer tad-dinja u li mħabba f'hekk kienet ħaġa naturali li naraw is-sema sew taħtna kemm fuqna.

Quldiemna sewwa kien hemm bħal palk u wara ftit deher fuqu raġel wiċċu mgħotti b'biċċa ħamra. Dak il-ħin waqa' skiet tal-mewt, in-nies iċċassaw u kulħadd fetaħ widnejh biex jisma' x'kien sa jgħid dak "ir-Raġel". Dan qam bil-wieqfa bil-ħerra, sewwa griżmejh, neħħa l-għamad u quddiemna tfaċċa Hitler.

Beda jitkellem mgħaġġel f'ħemda li ma kenitx miksura mill-inqas ħoss, u wara li dam ħafna jgħidilna kemm kien kbir u qalbieni l-ġens Ġermaniż, kif il-Ġermaniżi kienu l-aqwa razza tad-dinja u ħafna tifħir minn dan, wasal biex igħidilna għalfejn kien ġiebna hemm.

"Intomx taraw dan l-istrument?" qalilna. Dak il-ħin jien intbaħt li ma' ġenbu kien hemm bħal bomba twila daqs bastiment mill-kbar, li kienet qiegħda tagħmel ħoss bħal ta' ajruplan. "Dan huwa l-*astroplane*," żied igħid; "strument ġdid li ivvintajnieh aħna l-Ġermaniżi biex bih inkunu nistgħu mmorru fil-kwiekeb." X'ħin wasal hawn reġa' beda fuq il-għerf u l-kobor ta' ġensu u wara li dam ħafna jredden fuq l-istess ħaġa, qalilna li hu kien ġabarna hemm biex naraw dan l-astroplane jtir lejn kewkba ġdida li kienet tinsab qrib ħafna tad-dinja, u li skond ix-xjenzjati Ġermaniżi kien fiha ħafna minerali u żjut għat-tankijiet mitt darba iżjed mill-Baku oilfields. Il-ġens kollu Ġermaniż kien ser jitlaq biex jikkolonizza did-dinja ġdida u għalhekk il-Fuhrer kien ħaseb biex iġorr il-Headquarters tiegħu hemm fuq. Hemmhekk Hitler u sħabu Goering u Goebbels kienu bi ħsiebhom iħollu l-problema tar-razza darba għal dejjem, għax żgur li hemmhekk ma kienx hemm biża' li l-Ġermaniżi jitħalltu ma' nies oħrajn. Barra minn dan, Hitler qal li minn hemm fuq huma jkunu jistgħu jrażżnu d-dinja aħjar, għax jekk jaraw li n-nies maħkuma mhumiex joqogħdu għal-liġijiet tar-*Reich*, huma kienu jkunu jistgħu jinżlu jibbumbardjawhom minn ajrudromi kbar, b'kanuni akbar mill-*Big Bertha*, immirati għal

fuq id-dinja, u jagħmluhom trietaq, agħar milli għamlu f'Rotterdam u f'Warsaw.

X'ħin semgħu li ser jeħilsu mill-Ġermaniżi, in-nies ferħu, imma ħej dik it-theddida tal-bombi ma għoġbithom xejn. Huma kienu ġa ġarrbuh lil Hitler u lin-nies tiegħu u kienu jafu li jekk dawn ifettlilhom li jridu jeqirdu d-dinja ħadd ma kien se' jżommhom. Madankollu kulħadd kellu mitt sena sa jara din is-safra tal-għaġeb.

Wara ħafna frattarija, Hitler niżel minn fuq il-palk, resaq lejn l-invenzjoni l-ġdida, fetaħ bieb ċkejken, u qagħad għassa biex jara li kull min jidħol kien Ġermaniż safi; imbagħad wara li daħal hu, sakkar il-bieb ta' l-azzar ta' l-astroplane, il-magna bdiet iddamdam u din l-invenzjoni l-ġdida bdiet tiela' 'l fuq lejn is-sħab bid-damdima tixbah lil dik ta' bomber imrażżan. Imma anqas laħaq intrefa' mill-art li mhux kulħadd beda jitlob 'l Alla li jwaqqa' l-astroplane u jfarrku ħalli d-dinja teħles mill-Ġermaniżi darba għal dejjem.

Donnu talbna nstema' għax f'daqqa waħda qamu ħsejjes kbr u deherli nara l-astroplane jitheżżeż qisu milqut, idur fuq ġenbu fost ħafna nirien u jaqa' fl-art f'mitt biċċa.

F'daqqa waħda nisma' 'l xi ħadd igħajjatli biex infittex noħroġ għall-kenn għax l-ajruplani tal-għadu kienu daħlu fuq Malta u bdew iwaddbu l-bombi.

MARIJA AQUILINA.

---

## AĦBARIJIET

Professuri ġodda fl-Università. Fiżika: Prof. Ġużè Manchè, B.Sc., M.D.; Prof. Karlu Zahra Newman, B.Sc., M.D.

Kimika: Prof. Victor Mifsud, M.D.; Prof. Filip Farrugia Guy, B.Sc., M.D. — **Nifirħulhom.**

---

**R.I.P.**:—Prof. Salvu Borg, M.D.; Prof. Mons. Lwiġi Catania, B.Lit., B.L.Can., Ph.D., D.D.; is-Sur Ġorġ Pulo (Student tal-Mediċina u Kirurġija); is-Sur Ugo Tua (Student tal-Liġi).

# RECENSJONIJIET

*"Il-Qari Malti — 10 ta' Ġunju, 1943", mibgħut minn "Il-Qawmien Malti" lill-"Għaqda tal-Malti".*

WASLILNA u lqajna u qrajna bl-ikbar ferħ l-għadd ta' Ġunju, tal-"Qari Malti", maħruġ mill-Maltin ta' Port Sajd. Fraħna bih għax jurina bid-dieher kemm hija kbira u qawwija l-imħabba u l-għożża ta' ħutna Maltin, imbegħdin minn xtutna, lejn Malta u lsienna. Tħoss f'kull kelma t-taħbit imħeġġeġ tal-qalb Maltija lejn dan ix-xiber art li tana t-twelid u lejn dak kollu li hu Malti. Tħoss kemm kienu qribna dawn ħutna mxerrda fis-siegħa tat-tiġrib li għaddejna minnha u kemm huma bil-jedd imkabbrin bil-ġieħ li hu tagħna u tagħhom, li bih Malta ġiet imżejna u magħrufa mid-dinja għall-ħila u għall-qawwa li wriet fit-taqbida qalila ma' għadu mqit, li tibqa' miktuba fil-ġrajja ta' ġensna b'ittri tad-demm. Dan hu l-qofol ta' ħafna mill-kitba li jżejnu dan l-għadd, ibda mill-ewwel artiklu "Għeluq it-Tliet Snin", sa l-aħħar poeżija "Lil Mussolini" bil-Franċiż ta' A.J.C., miktubin kollha b'kelma li taħraq u li tikwi bin-nar ta' l-imħabba li tixgħel ġo qalbhom.

Hi din l-imħabba lejn Malta, li ġġagħalhom illum iktar minn qabel isaħħu dik ir-rabta bejniethom, f'għaqda ta' fehmiet u ta' qlub li xejn ma jista' jħoll. Il-lum il-Maltin iħossu għaddejja minn fuqhom dik il-mewġa ta' qawmien li ġġagħalhom jistejqru għal ħajja oħra ta' dawl ġdid, mibnija fuq il-qawwa tal-kobor ta' ġensna u fuq il-jedd li hu tagħna, għax ksibnieh bil-għaraq ta' demmna, għall-qima ta' l-oħrajn. Illum iktar minn qabel, iħossu lkoll li jridu jidhru quddiem id-dinja bħala ġens għalih, magħżul minn kulħadd fil-lsien u fid-drawwiet tiegħu u fuq kollox fil-kobor ta' ġrajjietu. Xhieda ta' dan, hija l-ħidma ħabrieka u mħerrqa tal-Maltin ta' Port Sajd, ta' Tuneż, tal-Kajr, ta' l-Awstralja u ta' New York, li kollha għandhom l-għaqdiet tagħhom u l-ġurnal tagħhom, b'fehma sħiħa u qawwija li Malta u l-lsien Malti jkunu mxandrin u magħrufin minn kulħadd u jibqgħu dejjem l-iktar ħaġa għażiża għal min iħoss jiġri fih demm Malti. F'din il-ħidma u twaqqif ta' għaqdiet tgħaġġbek fost l-oħrajn, l-Għaqda "Il-Qawmien Malti", li kellha l-bidu tagħha fil-"Federation Maltaise Universelle" ta'

Laurent Ropa u li twettqet illum fost il-Maltin ta' Port Sajd. F'dan il-għadd tal-"Qari Malti", insibu mfisser fit-tul x'titlob u xi trid din ix-xirka hekk ta' fejda. L-għan tagħha huwa kbir u juri kemm hi kbira l-qalb tal-Maltin li ħasbuha u ħolquha għall-ġieħ ta' Malta u ta' lsienna.

Meta taqra dan il-għadd tal-"Qari Malti" tħoss xi ħaġa li tfarrġek, li tħennik u tqawwilek qalbek. Tħoss li d-demm Malti għadu jiġri u jbaqbaq sħun u ħaj mill-qalb sa l-ibgħad truf, fil-ġisem ta' ġensna mxerred ma' l-erbat irjieħ tad-dinja; tħoss, li għalkemm żgħar fid-daqs kemm aħna kbar fil-qawwa u fil-ħila tar-ruħ; tħoss li l-ilsien Malti llum mhix ħaġa mejta, magħluq biss bejn il-blat li jdawwar gżiritna, imma ħaj u qawwi, li jorbot flimkien eluf ta' qlub, li jħabbtu lkoll annuna, li huma mix-għulin bl-istess ħeġġa u mdawlin bl-istess fehma wtiqa: "Il-ġieħ ta' Malta art twelidna u ta' ġensna."

ĠIDI.

*　　*　　*

## IL-BARRAKKA TA' KATRIN

Ġrajja mibnija fuq iż-żminijiet tallum, minsuġa bit-twerdin ta' l-ajruplani u d-damdim tal-bombi u t-taqtigħ ta' qalb in-nies. Id-dehra ta' Loreta, tfajla Għawdxija iktar taqta' sabiħa fuq id-dlamijiet ta' dawk il-jiem ta' biża' u tidher quddiemna bħal xaqq ta' dawl f'sema msaħħab. Il-ġrajjiet ta' din in-novella ċkejkna jduru kollha madwar Loreta, meta t-taqbid ta' l-għadu kien fl-eqqel tiegħu fuq Malta u Għawdex. Il-qerda tal-Barrakka ta' Katrin, qrib il-port ta' l-Imġarr, kienet daqqa ta' sikkina fil-qalb ta' Loreta, għax hemmhekk kienet tnisslet fiha l-ewwel xrara ta' mħabba, lejn Toni.

It-tifkiriet ta' dawk iż-żmenijiet koroh li għaddejna minn-hom, igħaddu minn quddiemna mimlijin bil-lewn u bil-ħajja. Hemm xi daqqiet ta' pinzell sbieħ tassew fejn il-kelma u l-ħsieb jiġru ħfief u bla tqanżiħ. Is-safra ta' Loreta minn Għawdex għal Malta tfakkrek f'dik ta' Luċija tal-Manzoni meta fuq dgħajsa kellha titbiegħed minn art twelidha.

ĠIDI.

*　　*　　*

## "TEACHERS' MAGAZINE"

HAREĠ dan l-aħħar it-*Teachers' Magazine*, perjodiku sabiħ, imżewwaq b'artikoli tajba. Waqt li nagħti "prosit" lill-*Malta Union of Teachers* għat-tħabrik tagħha, ma nistax ma nsemmix xi ħaġa fuq l-artikolu tas-Sur Carmelo Frisk *Education in Malta*, li fih xi paragrafi fuq il-Malti li jistgħu jixħtu dawl ikraħ fuq is-sehem tal-Malti fl-edukazzjoni ta' pajjiżna. L-argumenti li jġib jistgħu jinqdew bihom dawk li dejjem lesti biex jitfgħu fuq il-Malti ħtija li aktarx ma tkunx tiegħu.

Fejn ħaġa ma togħġbux, is-Sur Frisk igħid hekk b'wiċċu minn quddiem. Spirtu bħal dan ta' kritika tajjeb li jkun hemm, għax biha, l-iktar meta tkun meqjusa u kostruttiva, jissewwew u jitjiebu bosta ħwejjeġ. Imma għal dak li hu Malti l-kittieb ma tantx wera ruħu *kostruttiv* iżda aktarx *distruttiv*, għalkemm imbagħad igħid li jissimpatizza mal-Moviment tal-Malti. Lill-Malti jwarrbu ma' l-Istorja u l-Ġeografija bħala suġġetti li qed jieħdu żmien iż-żejjed, u għall-Malti ma jħallix ħlief sena waħda f'tal-Gvern—is-Sitt Klassi biss! U wara din is-sena forsi jirnexxilek titgħallem erba' reguli tal-kitba, u biż-żejjed! Issa s-Sitt Klassi, billi l-aħħar waħda, mhux it-tfal kollha joqogħduha, u għalhekk min joħroġ qabel, jibqa' anqas biss jaf jikteb bil-Malti. Hawnhekk jidhirli li s-Sur Frisk tilef it-triq għal kollox: bi kliemu stess, baqa' sejjer iż-żejjed *in the right direction*.

Il-fehmiet tas-Sur Frisk fuq il-Malti jistgħu jitqassru f'żewġ sentenzi: a) il-Malti m'għandux ikollu l-importanza li għandu fl-iskejjel tal-Gvern, fil-Matrikola u f'eżamijiet oħra pubbliċi; b) Min irid ikabbar u jgħolli l-Letteratura Maltija m'għandux jagħmel dan billi jaħli żmien it-tfal fil-Malti. Fil-fehma tiegħi la l-Malti u l-anqas ebda suġġett ieħor ma għandu jieħu żmien iktar milli jistħoqqlu, imma aktarx naħseb li s-Sur Frisk għandu f'rasu li qed "jinħela" żmien fil-Malti wisq iżjed milli tabilħaqq qed "jinħela". Jekk imbagħad bil-kelma "Edukazzjoni" ma jifhimx ħlief it-tagħlim ta' dak li hu meħtieġ għall-ħajja, nitħajjar kieku nkun *utilitarju*, imma ma nistax nifhem kif jista' qatt tifel jitgħallem f'sena kull ma s-Sur Frisk igħid li hemm bżonn, jiġifieri taqra u tikteb bl-ortografija tal-"Għaqda". Kien imissu żied *taqra bla ma tapprezza dak li taqra*, għax f'sena waħda ma tistax titgħallem tikteb, issawwar ittri u komponimenti u "tap-

prezza l-ġmiel ta' Lsien Malti". Milli nista' naqbad meta s-Sur Frisk kiteb li fis-Sitt Klassi *"anthologies and choice literature in vernacular, of which there is now no dearth, may find a place in the reading course of the year, in sufficient quantities to enable the juvenile mind to appreciate the beauty of our native tongue"*, nesa li qabel kien qal li *"All that the school owes the child is the teaching of a few simple rules for correct writing. To aim at anything beyond that is sheer waste of precious time."*

Hadd ma jiċħad li l-"istandard" ta' l-Ingliż jeħtieġ jogħla aktar sabiex ma jiġrix li "95 fil-mija minn nies ta' Malta jkunu ikkundannati min-Natura biex jibqgħu għomorhom kollu miftumin mill-Kultura Ingliża". Imma jekk l-"istandard" ta' l-Ingliż huwa baxx, u jeħtieġ jogħla, mhemmx għalfejn jitbaxxa lsienna; m'għandniex inħottu knisja biex nibnu oħra. It-tagħlim tal-Malti qatt ma jfixkel dak ta' l-Ingliż imma għall-kuntrarju għandu effett tajjeb. Waqt li l-Ingliż jiżviluppa fit-tfal "outlook" internazzjonali, il-Malti jibqa' għalina xhieda ta' l-individwalità tagħna bħala nazzjon. L-element nazzjonali fit-tagħlim tan-nies ta' gżira ċkejkna ma tistax taħrab minnu; irid ikun hemm xi ħaġa li ddawlilna u turina t-triq. Inkella nispiċċaw bħala Maltin *"Where there is no vision the people perish"*.

Il-kaos ta' l-edukazzjoni f'Malta ġej minn bosta ħwejjeġ. Qabel ma l-Malti daħal fl-iskejjel il-kobba kienet diġa mħabbla sew. Jekk sar xi tibdil biż-żieda tal-Malti fit-tagħlim, kien tibdil ta' ġid. U s'hawn naħseb li s-Sur Frisk itina raġun!

20. 7. 43. Ġ. Cassar Pullicino.

## HBIEBNA — 1943-44

| | £. | s. | d. |
|---|---|---|---|
| Dr. Rużar Briffa, B.Sc., M.D., ... ... ... ... | | 6 | |
| Rev. Ġużè Delia, S.J., Rettur tal-Kulleġġ "San Lwiġi" ... ... | | 10 | |
| Sur Ġużè Cassar Pullicino ... ... ... ... | | 3 | |
| Sinjura A.M. Galea ... ... ... ... ... | | 5 | |
| Sinjurina M. Butcher ... ... ... ... ... | | 5 | |
| "Ġidi" ... ... ... ... ... ... ... | | 10 | |
| | £1 | 19 | 0 |

Anton Azzopardi, *Kaxxier.*

# TAGHRIF

**L-Isqfijiet Tagħna.** — Il-Maltin u l-Għawdxin kollha għelew għall-mewt ta' Dom Mawru Caruana, Arċisqof ta' Rodi, Isqof ta' Malta. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ li jistħoqq lil dawk li jaħdmu fil-mergħa tiegħu. Dan l-għali ttajjar bil-għażla ta' Mgr. Mikiel Gonzi, li wara ħafna snin, bħala Isqof ta' Għawdex, fejn ħabrek għall-ġid tad-Djoċesi Għawdxija, issa messu jkompli hu x-xogħol mibdi mill-Isqof ta' qablu. U Ruma wriet l-għożża tagħha bil-ġieħ li tat Lilu u miegħu lin-nies tad-Djoċesi, it-titolu għoli ta' Arċisqof imbarra dak ta' Isqof ta' Malta.

**Kunsill Ċentrali tal-Malti** hu magħmul minn żewġ rappreżentanti ta' kull għaqda tal-Malti u twaqqfet bil-ħsieb li l-għaqdiet flimkien jippreżentaw *front* wieħed qawwi kull meta tqum xi ċaqliqa kontra l-ilsien Malti jew l-istatus tiegħu, kif ukoll meta jeħtieġ ningħaqdu biex nagħmlu xi suġġeriment importanti.

**Reċensjonijiet:**—Kittieba li jixtiequ jkollhom reċensjoni f'din ir-rivista jibagħtu żewġ kopji tax-xogħol tagħhom lill-Editur immarkati: Reċensjoni.

**Dan il-Għadd jinbiegħ 1/-**

---

*Mitbugħ fid-Dar ta' San Ġużepp—Il-Ħamrun.*